# INFORMATION SHEET

Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Actin)
Istiut Kattoliku Floriana FRN141
Tel 21222239 – 21237031
Website www.akmalta.og
E-mail infosheet@akmalta.org

**OTTUBRU 2009** **NUMRU 247**

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu!

## MADWARNA

**Assemblea Ġenerali –** It-tħejjijiet għall-Assemblea Ġenerali qegħdin fi stat avvanzat ħafna. Niltaqgħu flimkien biex inħossuna aktar familja waħda u biex nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Presidenti, ħeġġu lill-membri biex jattendu. Is-suċċess ta' din il-laqgħa jiddependi mill-entużjażmu tagħkom.

**Il-Gazzetta 'Tagħna t-Tfal' -** Il-ħarġa tal-ġazzetta 'Tagħna t-Tfal' se tiġi mqassma b'xejn għax xahar ta' Ottubru. Dan biex jitħajjru aktar tfal jabbonaw fiha. Il-Gazzetta li għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena kienet immexxija tajjeb ferm mis-Sinjorina Mary Puli, għaddiet f'idejn iż-żgħażagħ sena ilu u qegħda titmexxa b'mod mill-aktar kreattiv minn Sarah u Christine. Il-Gazzetta kienet proġett tal-Azzjoni Kattolika għas-Sena Internazzjonali tat-Tfal.

**Ċirkolu fid-Dar Familja Mqaddsa** – Fid-Dar Familja Mqaddsa reġa' fetaħ iċ-Ċirkolu. Il-President il-ġdid hu s-Sur Joseph Theuma li hu resident fid-Dar, waqt li s-Sur Portelli hu membru tal-Fergħa Rġiel u okkuppa diversi karigi fil-Kunsill Ċentrali tal-Irġiel. Bħalissa s-Sur Portelli qiegħed jippressjiedi wkoll il-Kumitat tar-Residenti. Dan il-kumitat jorganizza attivitajiet soċjali għar-residenti. F'Settembru organizza Kunċert mill-Forzi Armati għar-residenti, il-qraba tagħhom u għall-Anzjani tan-Naxxar fil-Ġnien tad-Dar għall-frisk ta' lejla sabiħa.

**Ċentru Familja Mqaddsa l-Imsida –** Nhar it-Tnejn 21 ta' Settembru, l-Arċisqof Mons Pawl Cremona fetaħ uffiċjalment u bierek iċ-Ċentru Familja Mqaddsa Msida. Dan iċ-Ċentru nbena fuq art li oriġinaljament kienet f'isem il-Youth Centre tal-Azzjoni Kattolika, l-Imsida. Is-Segretarjat Assistenza soċjali bena *store* kbir u *garage* għal minibuses li juża.

**Il-Ħuġġieġa –** Il-bidu tas-Sena Soċjali hu ż-żmien meta l-Presidenti jħeġġu l-membri biex jabbonaw jew iġeddu l-abbonament fil-'Ħuġġieġa''. 'Il-Ħuġġieġa'' tiġi ppubblikata għal membri biex il-lezzjonijiet iħallu aktar frott.

**Mitt Sena mit-Twelid ta' Mons Azzopardi** – Is-sena d-dieħla niċċelebraw għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Mons Mikiel Azzopardi. Mons Azzopardi kien membru fundatur tal-Azzjoni Kattolika bħala student tal-Liġi. Kien dak iż-żmien li ħass il-vokazzjoni għas-saċerdozju. Mons Azzopardi kien Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali. Għal żmien twil kien l-Assistent Ekkleżjastiku fil-Kummissjoni Ħidma Morda u kien jieħu sehem fis-Siegħa tal-Morda fuq ir-*Redifusion* Kien matul dak-iż-żmien li ħass il-bżonn li l-Azzjoni Kattolika tiftaħ id-Dar tal-Providenza. Permezz tas-sehem tiegħu fil-programm tal-morda u l-kelma ħelwa tiegħu għaqqad lil Malta kollha warajh għal dan il-proġett.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## Attivitajiet għax-xahar ta' Ottubru 2009

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 1 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Bejn 1 – 10 | Ż.A.K. | Kontiwazzjoni tal-promozzjoni |
| Il-Ħadd 4 | Ż.A.K. | Support group għal leaders kollha taż-Ż.A.K. |
| L-Erbgħa 7 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| Il-Ħadd 11 | Membri kollha tal-AK | Assemblea Ġenerali |
| It-Tnejn 12 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tnejn 19 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 22 | Fergħa Nisa | Assemblea Fergħa Nisa, Ċirkoli kollha, Knisja San Publju 9:45. |
| ll-Ħadd 25 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa Marjana |
| It-Tnejn 26 | Fergħa Nisa | Laqgħa Kumm Romol Presidenti taċ-Ċirkoli kollha |
| | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tlieta 27 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill Ċentrali fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ġimgħa 30 | Ż.A.K. | 'Evolve' musical imtella' minn Ż.A.K. Birżebbuġa fl-iskola tal-Primarja Birżebbuġa fis-19:30. Prezz tad-dħul €5.00. |
| Il-Ħadd 1 ta' Novembru | Kumm. Ħidma Morda | Quddiesa għall-Benefatturi |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

### Ħarġiet bil-Minibuses SAS

Nieħdu pjaċir ninnutaw li bix-xiri tal-Minibus il-ġdida kien hawn Parroċċi ġodda li bdew jużaw dan is-servizz. Inħossu però li hawn aktar parroċċi li jistgħu jużaw dan is-servizz. Dan hu servizz lill-anzjani l-aktar batuti jew persuni bi ħtiġijiet speċjali.

Nappellaw lill-membri tal-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċi jaraw min huma l-anzjani li xi ftit jew wisq qatt ma joħorġu minħabba l-kundizzjoni tagħhom u jorganizzaw ħarġa billi jibbukkjaw fuq Tel No 21226920.

Ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess biex jiġi iffissat nofs ta' nhar jew ġurnata. Tistgħu tikkomunikaw ukoll mas Sur Theuma fuq Mob no 99452768. F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS : 21220286 u agħmlu l-booking tagħkom.

# Assemblea Ġenerali 2009

Data : Il-Ħadd 11 ta' Ottubru 2009

Ħin: Mid-09:15 sas-12:45

Fis-Seminarju tal-Arċisqof tal-Virtù, Rabat

Ara Menu f'paġna 4

Il-Membri huma mitluba li jkunu fil-ħin.

## Fergħa Xebbiet Adulti

Ottubru huwa x-xahar tar-Ružarju. Inħeġġu liċ-Ċirkoli kollha biex jgħidu r-Ružarju flimkien fil-bidu jew tmiem ta' kull laqgħa. Noffruh għall-Azzjoni Kattolika Maltija.

---------------------------

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità,

u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta'

Ħadd fis-19:15.

Id-Dati għax-xahar ta' Ottubru huma 4, 11, 18 u 25.

### AVVIŻ IMPORTANTI GĦALL-GĦALLIEMA
### MEMBRI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

Ġie iffurmat grupp ta' għalliema kattoliċi li jirrapreżentaw uħud mill-għaqdiet differenti fil-FORUM tal-għaqdiet.

Biex tissaħħaħ il-ħidma tagħna qed jissawwar database bl-indirizzi e-mail tal-għalliema membri fl-għaqdiet kattoliċi.

l-iskop hu li jinbena network ta' għalliema kattoliċi fl-iskejjel. Aħna nibagħtu nformazzjoni lilek, li jekk tkun tixtieq tista' tgħaddiha lil sħabek għalliema fl-iskola.

Jekk tixtieq tibda tirċievi din l-informazzjoni għaddilna l-indirizz elettroniku (e-mail address) tiegħek flimkien ma' xi informazzjoni oħra biex jgħinna nkunu aġġornati.

L-informazzjoni li nixtiequ huwa:

i. Isem u Kunjom;
ii. Skola fejn taħdem;
iii. L- indirizz elettroniku tiegħek;
iv. Xi informazzjoni oħra / kummenti li tixtieq taqsam magħna.

<u>Din l-informazzjoni ser tinżamm minna u tintuża għal dan l-iskop biss, u mhux ser ngħadduha lil xi ħadd ieħor.</u>

L-informazzjoni tista' tintbagħat fuq jamp@maltanet.net jew b'SMS fuq 99222607.

Naf li jkollok ħafna x'tagħmel iżda l-attenzjoni u r-risposta tiegħek tkun ta' għajnuna kbira għalina. Bħaż-żerriegħa tal-mustarda, il-ftit li nagħmlu jista' jsarraf f'ħafna ġid għalina u għall-edukaturi u t-tfal ma' min ikollna kuntatt.

Jekk taf lil xi ħaddieħor li jixtieq ikun f'kuntatt magħna jista' jibgħatilna l-informazzjoni tiegħu bl-istess mod.

Il-Paċi tal-Mulej miegħek,

James Portelli
Moviment Għalliema

# *IKLA FAMILJARI*

*Nhar il-Ħadd 11 t'Ottubru 2009 wara l-Assemblea Ġenerali bħas-sena l-oħra se tiġi organizzata IKLA FAMILJARI fil-grounds tas-Seminarju fejn wara li nkunu ipparteċipajna fil-quddiesa flimkien nieħdu xi ħaġa tajba. Biex ħadd ma joħroġ diżappuntat huwa importanti li tibbukkjaw liema Menu se tagħżlu fis-Segreterija kif ukoll tibbukkjaw ghat-trasport sa nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2009 fuq in-numru tat-telefon 21 222239 fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju kuljum filgħodu bejn id-09:00-11:30 u filgħaxija bejn it-15:30- 18:30. Ejjew ħa niddevertu flimkien u ġibu lil familja magħkom.*





*__Menu 1 Prezz €10.00__*

*Starter – Platt Malti*

*Main Course*

*Deżerta*

*Free Drink*







*__Menu 2 Prezz €3.50__*

*Hot Dog biċ-chips*

*Deżerta*

*Free Drink*



# Assemblea Ġenerali
# Il-Ħadd, 11 ta' Ottubru 2009 mid-09:15 sas-12:45
# Fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, Tal-Virtù, Rabat

Formola ta' applikazzjoni għall-Ikla u għat-Trasport

Imlew din il-formola u ibgħatuha lis-Segretarja, Azzjoni Kattolika Istitut Kattoliku Floriana, mhux aktar tard mis-7 ta' Ottubru

Isem taċ-Ċirkolu jew Ċentru ŻAK _______________ Belt jew Raħal______________

Tel. Nru. ______________

Isem tal-membri li ser jogħqodu għall-ikla Menu No:-

_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________
_____________________________________________________________________________

Jekk jogħġobkom iġbru il-flus tal-ikla u tat-transport qabel ħalli xi hadd minnkhom jixtri il-biljetti għall-kullhadd.

_____________________________________________________________________________

# Trasport

Numru ta' nies li ser jagħmlu użu mit-trasport_______________

Minn jixtieq jirritorna id-dar wara il-quddiesa ser ikun hemm private li twassalkhom għall-Belt.
Numru ta' nies li jixtiequ jirritornaw id-dar wara l-quddiesa_______

Isem il-President/Leader _________________________

# LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA

***Trid tagħti rigal b'differenza?***
***post wieħed għandek tmur***
***fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –***
***Istitut Kattoliku - Floriana***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***

***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ: Lulju: Matul il-gimgha - 9:00 sa nofsinhar***
***16:00 sas-19:30***
***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***



Dalwaqt terġa' tibda l-iskola u nixtiequ infakkrukom fis-servizz tal-BINDING li għandna fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika. Il-prezz huwa ta' EUR 1 kull 12 il-paġna.
Għalhekk importanti li l-membri kollha jmexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz.
Għax kif jgħidu kull qatra tgħodd!!!!

